MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 394/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Bernard C. Spiteri)**
**Vs**
**Carmen Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-26 t'April, 2009 u/jew fix-xhur ta' wara gewwa 34, Triq Villa Rosa, Swieqi, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandha, gieghlet bl-awtorita' taghha nnifisha, lil xi hadd ihallas dejn, jew tesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklet lil Dr. Marlon Grech, fil-pussess ta' hwejjgu, jew, b'xi mod iehor kontra l-Ligi, ndahlet fi hwejjeg haddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 t'Ottubru, 2009, li biha,

wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannatha ghall-prigunerija ghall-perjodu ta’ xahar, u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap. 9 u ordnat li l-perjodu ta’ prigunerija fuq inflitta jigi sospiz ghall-perjodu ta’ sena w iddikjarat li fehmet lill-appellanti bl-effetti ta’ l-istess ordni.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-2 ta’ Novembru, 2009, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha

1. tawtorizzaha tesebixxi kopja tat-“tape recording” li rregistra l-agir u kliem ta’ zewgha meta kien fid-dar;
2. tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w tillibera lill-appellanti minn kull akkuza w piena jew
3. sussidjarjament tvarja s-sentenza appellata billi tnaqqas il-piena applikata kontriha tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari ta’ dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti, fil-qosor, jikkonsisti, fis-segwenti w cioe’:-

1. illi minkejja li l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet li jidher li tintuza l-vjolenza – ghall-inqas morali fuq l-appellanti – ghaddiet biex sabitha hatja tal-akkuza kif dedotta. Fil-kaz in ezami l-azzjoni tal-appellata ma kienitx movitata minn *animo spoliandi ut sic* imma minn biza’ fondata li l-avviz lil zewgha li ser tfittex is-separazzjoni kien ser igib fuqha konsegwenzi vjolenti, irraxxibbli w anke irrazzjonali;
2. illi l-appellanti talbet li tesebixxi “tape recording” ta’ zewgha meta ikun f’daghdija sabiex l-Ewwel Qorti tifhem ahjar il-posizzjoni taghha w il-biza li kellha, izda din it-talba verbalizzata fl-atti, giet michuda;
3. illi l-appellanti ppruvat li d-dar fejn kienu jghixu hija proprjeta’ ta’ ommha li hija anke uzufruttwarja w li ommha ma tridx li zewgha jibqa’ jghix maghhom u mhiex ser taghti ebda kunsens biex jidhol fid-dar izda anke din is-sottomissjoni giet skartata;
4. illi ppruvat u anke gie ammess mill-parte civile li zewgha ha l-affarijiet kollha li kellu fid-dar ghajr ghall-

kamra tas-sodda. Kienet anke ghaddietlu somom ta’ flus “cash” li kellu fid-dar izda zewgha qed jichad mhux li ma ghaddiehlux il-flus izda sahansitra li kellu flus imfaddlin “cash”;

5. illi hi ma talbitx li zewgha jigi sgumbrat formalment mid-dar matrimonjali ghaliex minn dak iz-zmien ma kien hemm ebda talba jew turija minn zewgha li jrid jidhol jghix fid-dar u ghalhekk f’dawn l-ahhar xhur, kien hemm korrispondenza biss indirizzata lejn ftehim bonarju izda in vista tas-sentenza ser tressaq talba appozita fl-atti tal-medjazzjoni;

6. illi l-piena applikabbli tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u il-kondotta netta tal-appellanti hija eccessiva w harxa kif jirrizulta fit-trattazzjoni f’kaz li din il-Qorti ma taccettax l-aggravji taghha fuq riferiti.

Semghet ix-xhieda fl-udjenza tal-lum.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi fl-ewwel lok il-Qorti qed tichad it-talba tal-appellanti ghall-esebizzjoni ta’ prova gdida w cioe’ t-“tape recording” li rregistra l-agir u l-kliem ta’ zewgha meta kien fid-dar billi din il-prova jmissha ngabet fl-istadju opportun.

Wara li semghet ix-xhieda tal-appellanti w tal-parti leza jidher illi l-agir tal-appellanti sar fi sfond ta’ incidenti precedenti li kienu qed jinqalghu ta’ sikwiet bejn l-appellanti w zewgha.

Il-konjugi Grech kienu jghixu fid-dar ta’ omm l-appellanti li kienet ukoll tghix maghhom u ghalkemm dina kienet id-dar konjugali, strettament kienet tappartjeni lill-omm l-appellanti. Ghalhekk proprjament la l-appellanti w lanqas il-parti leza ma kellhom xi dritt ta’ permanenza fl-okkupazzjoni tal-istess dar.

B’dana kollu jidher illi l-appellanti hadet il-ligi f’idejha meta ddecidiet illi tiehu, kif ammettiet li ghamlet, ic-cwievet tal-parte civile w tghidlu li hemmhekk mhux se jidhol iktar.

Effettivament irrizulta li wara dik id-data, li tidher fl-imputazzjoni, w cioe' fis-26 t'April, 2009, il-parti leza ma setghetx tidhol iktar fid-dar konjugali peress illi kien sprovvist mic-cwievet u, fuq firxa ta' zmien, inghatawlu bl-istillicidju l-affarijiet personali tieghu, pero' ghadu sallum m'ghandux access ghad-dar.

Mill-banda l-ohra pero' jidher illi l-uniku interess li fadallu l-parti leza f'din il-kawza huwa li jakkwista l-valur tal-benefikati li huwa ghamel fl-istess dar qabel ma marru joqghodu fiha wara z-zwieg recenti taghhom, haga li din il-Qorti pero' ma tistax takkordalu fil-kompetenza taghha Kriminali w tinnecessita' proceduri separati quddiem il-Qorti Civili kompetenti.

Ghalhekk ma hemmx il-htiega illi jigi ripristinat l-ordni precedenti u l-*stato quo ante* billi jkun assolutament kontro-produttiv li l-parti leza terga' tmur toqghod fid-dar ta' omm l-appellanti fejn mhuwiex milqugh.

Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti tara illi jekk il-piena karcerarja sospiza li giet imposta mill-Ewwel Qorti kienet intiza biex tirripristina d-drittijiet tal-parti leza, dan l-ghan zgur mhux ser jintlahaq bil-konferma tas-sentenza appellata anzi se jservi aktar biex tigi ezasperata s-sitwazzjoni bejn l-appellanti w zewgha.

Konsegwentement hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena tas-sentenza appellata.

Ghar-rigward tal-mertu pero', ghandu jinghad car u tond illi meta l-appellanti aggixxiet kif aggixxiet kienet qed tikser il-ligi w kienet qed tikkommetti r-reat ta' ragion fattasi lilha addebitat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha w tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti ghal piena ta' xahar prigunerija sospiz ghal perjodu ta' sena w minflok

tilliberaha  bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------